# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Jannar 2001.**

**Numru 17**

**Citaz. numru 343/86 JF**

**William Debono bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera "Altas Copco International AB" ; u b'nota tat-23 ta' Settembru 1986 Marie Claire mart Mark Sacco assumiet l-atti tal-kawza minflok William Debono li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Saviour Coppini u Attilio Vassallo Cesareo t-tnejn bhala Diretturi ghan-nom u in rappezetanza tas-socjeta' Plans and Equipment Ltd**

**Il-Qorti,**

F'dan l-istadju preliminari l-Qorti jehtegilha tikkonsidra talba tas-socjeta' appellanti biex tigi ammessa ghall-beneficcju ta' garanzija bil-gurament

stante li ma kienx possibli ghaliha li tipproduci d-depozitu fir-Registru tal-Qorti l-ammont likwidat mir-Registratur ghall-kawtela tal-procedura tal-appell.

L-artikolu 904 tal-Kap 12 jipprovdi illi "jista' jinghata lill-attur jew lill-appellant il-beneficcju tal-garanzija bil-gurament meta huwa juri prima facie li ghandu *probabilis causa litigandi* u hu jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi. Il-Qorti fis-smiegh tar-rikors li bih jintalab biex il-garanzija tigi moghtija bil-gurament tista' tidhol fil-mertu sa fejn dan jista' jiswa ghad-decizjoni tal-kwistjoni". Din il-Qorti allura sejra fl-ewwel lok tara jekk l-aggravju tas-socjeta' appellanti, inkwadrat fir-rizultanzi processwali, kienx tali li jissodisfaha prima facie li dik il-*probabilis causa litigandi* biex tikkontesta s-sentenza apppellata.

It-terminu *probabilis causa litigandi* ma jimportax fih innifsu d-definizzjoni prima facie tal-mertu, fis-sens li din il-Qorti kellha tasal prima facie ghall-konkluzjoni illi l-appellant seta' jirbah l-appell minnu ntavolat. Kien jinporta biss ezami da parti tal-Qorti tal-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt sollevati mill-appellant u r-risposta ghalihom da parti tal-appellat biex jigi stabbilit:-

(a) Li l-aggravju ma kienx wiehed frivolu u vessatorju ;

(b) Li l-kwistjonijiet hekk imqanqla jkunu jimmeritaw approfondiment u nvestigazzjoni ulterjuri da parti ta' din il-Qorti ; u

(c) Li tali approfondiment seta' ukoll iwassal ghad-decizjoni diversa minn dik li tkun waslet ghaliha s-sentenza appellata moghtija mill-Ewwel Qorti.

Dan ifisser illi l-Qorti ma kelliex tkun sodisfatta illi l-aggravju tal-appellant kien ser iwassal ghar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata. Il-kelma "probabilis" ma kienitx tirreferi ghall-ezitu finali tal-appell imma kienet tirreferi ghall-kawza tal-litigju. Il-Qorti kellha allura tkun biss sodisfatta li l-appellant kien gustifikat li jikkontesta s-sentenza appellata. Inkwantu din kienet tapprovah, b'aggravju li l-Qorti ta' Revizjoni tkun tqis li l-mertu tal-kawza jkun ghadu in diskussjoni ghax mhux adegwatament determinat.

Konsiderata f'dawn il-parametri stretti, din il-Qorti tifhem illi s-sottomissjoni tal-appellant illi huwa ghandu *probabilis causa litigandi* setghet tigi accettata. Din il-Qorti hi prima facie sodisfatta illi jidher illi certament jimmerita attenzjoni aggravju tal-appellant fir-rigward tal-principju ta' territorjalita' u l-applikabilita' tieghu in mertu ta' konkorrenza zlejali kif regolat bl-artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc, kif ukoll trid tinghata attenzjoni f'din lill-kontestazzjoni fir-rigward tan-natura tal-azzjoni u jekk din kellhiex tigi kwalifikata bhala wahda ghall-hlas ta'

danni, li kellha titmexxa skond ir-regola tal-ligi Civili, jew jekk kellhiex elementi tad-dritt penali u konsegwentement kellha tigi regolata mil-ligi tal-pajjiz fejn l-offiza tkun sehhet.

Aspetti dawn dibattuti fin-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi lil din il-Qorti dwar il-*probabilis causa litigandi* trattati u decizi, anke jekk forsi mhux b'approfondiment, fis-sentenza appellata.  Dan anke jekk ma jidhirx li nghatat mis-socjeta' attrici eccezzjoni formali f'dan is-sens ghall-kontro talba tas-socjeta' konvenuta.  Din il-materja ta' guridizzjoni tal-Qorti Maltija biex tikkunsidra l-mertu tal-kontro talba setghet tigi kwalifikata bhala *causa litigandi* sa fejn din il-Qorti kienet qed tigi mitluba tiddetermina u tiddeciedi jekk kienx hemm jew le konkorrenza zlejali li allegatament sehhet bil-komportament tas-socjeta' attrici f'pajjiz esteru.

L-istess jinghad fir-rigward tal-estensjoni tal-provi mehtiega biex tigi stabbilita l-intenzjoni specifika f'min jippropola l-fatt u cioe' l-intenzjoni tas-socjeta' attrici li tikkompeti zlejalment.  Prova ta' dolo li kellha ssir da parti tas-socjeta' konvenuta u li dwarha l-kontestazzjoni hi netta. Kif hi wkoll cara l-kwistjoni l-ohra dwar jekk kienux jirrizultaw jew le fil-kaz taht ezami, d-danni pretizi bhala konsegwnenza tal-allegata konkorrenza zlejali.  Is-socjeta' konvenuta tippretendi li dawn id-danni gew minnha attwalment u rejalment sofferti filwaqt li s-socjeta' attrici ssostni li dawk kienu kollha possibiltajiet astratti li ma setghu qatt jigu

msarrfin f'danni likwidabbli. F'dan ix-xenarju u minghajr ma l-Qorti tidhol biex tapprofondixxi d-diversi temi fuq accenati, hi ma tistax ma tasalx hlief ghall-konkluzjoni li prima facie kellha tkun sodisfatta li *probabilis causa litigandi* tezisti.

Fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta appellanti kellha tahlef li ma rnexxilhiex iggib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi. Kif gie f'diversi okkazjonijiet stabbilit fil-gurisprudenza din il-kondizzjoni biex tigi akkordata t-talba ghall-beneficju tal-garanzija bil-gurament kellha tissusti flimkien mal-prova li kienet tezisti *probabilis causa litigandi*.

Gie stabbilit ukoll li ma kienx bizzejjed li l-appellant jahlef li ma jkunx irnexxielu jgib il-garanzija mehtiega imma kien ikun mehtieg li tali gurament ikun wiehed oggettivament korrett u suffragat mill-element ta' prova. Kellhom ukoll jigu valorizzati l-kliem "li ma rnexxielux igib". Dan ifisser li l-appellant kellu jissodisfa lill-Qorti li huwa kien b'kull mezz ragjonevoli ttanta jakkwista l-garanzija mehtiega skond il-ligi u li ma rnexxielux hekk jaghmel. Il-ligi thalli ghal kollox f'idejn il-gudikant, l-apprezzament tac-cirkustanzi biex jistabilixxi jekk l-isforzi li kellu jaghmel l-appellant biex jakkwista l-garanzija u li fihom ma rnexxiex kienux jissodisfaw il-vot tal-ligi. Lanqas ma taghti xi ndikazzjoni dwar x'kellhom ikunu dawn l-isforzi. Certament pero' l-appellant kien fl-obbligu li jaghmel dak kollu li kien umanament possibli biex jassigura li l-ordni tal-Qorti ghad-depozitu tal-garanzija mehtiega tigi sodisfatta. Fil-

kaz taht ezami l-ammont ta' kawtela hu fis-somma ta' Lm 4603. Mill-provi prodotti u senjatament mill-audited accounts tas-socjeta' ghal diversi snin, ezebiti fuq direttiva tal-Qorti, ma jidhirx li l-istess socjeta' kellha fondi likwidi biex tissodisfa din il-garanzija.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi s-socjeta' kellha kapital ta' erbat elef lira ddepozitati f'bank li kienu gew sekwestrati mis-socjeta' attrici. Mir-rapport tal-awdituri ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 1998 ma jirrizultax illi s-socjeta' kienet f'posizzjoni li kellha attiv li bih setghet takkwista l-ammont mehtieg ghad-depozitu tal-kawtela la fi flus likwidi u lanqas f'forma ta' self li l-hlas lura tieghu jkun assigurat b'assi tas-socjeta' appellanti. In-nett assets tal-istess socjeta' fl-ahhar tas-sena 1998 kien ta' Lm 937, ammont ferm anqas minn dak mehtieg biex jissodisfatta l-garanzija in kawtela ta' dan l-appell. Ezami tal-audited accounts ukoll ma jaghti ebda hjiel ta' hlasijiet ingustifikati ghal remuzerazzjoni lid-diretturi li jistghu jinducu fil-Qorti d-dubju dwar il-validita' tas-sottomissjoni tas-socjeta' appellanti li ma kienitx f'posizzjoni illi tipprovdi de proprjo d-depozitu mehtieg ghall-kawtela tal-prezenti istanza. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi t-tieni rekwizit ghall-ghoti ta' beneficcju ta' garanzija bil-gurament gie wkoll sodisfatt.

B'dawn il-motivi, t-talba ghal *cautio giuratoria* qed tigi milqugha u l-appell qed jigi ddifferiet ghat-trattazzoni fil-mertu. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Dep/Reg

mg